Fit-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar

Alexis Bonnici (KI 40582M), David Bonnici (KI 323383M), Gilbert Bonnici (KI 50681M), Joseph Bonnici (KI 204889M), Michaela Bonnici (KI 540590M), Samuel Bonnici (KI 95488M), ilkoll bħala diretturi ta' Bonnici Bros Limited (C-3905)

v.

Environment & Resources Authority

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
- 4 MAY 2020
FLORIANA

Fir-rigward tal-Ordni Skond l-Artikoli 74, 76, 77, u 78 tal-Att I tal-2016 dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549) maħruġa mill-Environment & Resources Authority datata 20 ta' April 2020, bir-referenza OWK 022/20 (minn issa 'l quddiem riferut bħala l-Ordni Appellata)

Rikors tal-Appell ta' Alexis Bonnici (KI 40582M), David Bonnici (KI 323383M), Gilbert Bonnici (KI 50681M), Joseph Bonnici (KI 204889M), Michaela Bonnici (KI 540590M), Samuel Bonnici (KI 95488M), ilkoll bħala diretturi ta' Bonnici Bros Limited (C-3905);
Jesponu bir-rispett;

Illi l-esponenti jagħmlu referenza għall-Ordni Appellata u jiddikjaraw illi huma aggravati bl-allegazzjonijiet hemm kontenuti u kif ukoll, naturalment, bis-sanzjonijiet imposti ai termini tal-istess Ordni Appellata;

Illi a skans ta' kull dubju dan l-Appell qiegħed isir minn kull notifika tal-istess Ordni Appellata, in kwantu din inħarġet fuq kull direttur tas-soċjeta' Bonnici Bros Ltd;

Illi l-aggravji tal-esponenti huma ċari u manifesti, u dan kif diġa kellhom l-opportunita' jispjegaw lill-Awtorita' appellata anke verbalment u permezz ta' ittra legali;

Illi dawn l-aggravji jikkonsistu inter alia fis-segwenti:

1) **Illi l-allegazzjoni kontenuta fl-Ordni Appellata, u senjatament illi Bonnici Bros Limited wettqet xi operazzjoni jew attivita' ta' tfiegħ u rimi ta' skart ta' kostruzzjoni fis-sit indikat, hija waħda manifestament infondata kemm legalment u kif ukoll fattwalment.**

   Illi l-ewwel u qabel kollox, l-Awtorita' appellata għandha tressaq il-prova illi Bonnici Bros Limited kienet qed effettivament b'xi mod involuta f'xi xogħol fis-sit in kwistjoni.

   Illli apparti dan, u mingħajr preġudizzju għal kwistjoni ta' min effettivament huwa l-leġittimu kuntradittur, jiġi sottomess is-segwenti:

i) kwalsiasi xogħol li sar ma kien jinvolvi l-ebda introduzzjoni ta' skart ta' kostruzzjoni u/jew skart ieħor fis-sit inkwistjoni, u

ii) kwalsiasi xogħol sar fuq inkarigu tal-persuna li identifikat ruħha bħala s-sid tal-sit in kwistjoni.

iii) Ix-xogħol twaqqaf ħesrem malli kien hemm kuntatt mill-awtoritajiet. Dan naturalment bi spirtu ta' koperazzjoni u mingħajr ebda ammissjoni ta' illegalita' jew responsabbilta'.

2) **Illi l-esponenti ma jistgħu qatt jiġu addossati b'responsabilitajiet li semmai għandhom jinġarru minn terzi.**

Illi minn qari tal-Ordni Appellata, l-esponenti jifhmu li semmai jista' jkun hemm responsabiltajiet ta' terzi, ossija li terzi aċċettaw u/jew addirittura konxjament introduċew skart f'sit li mhux liċenzjat jew awtorizzat għal tali għan.

Illi anke jekk jirriżulta dan, l-esponenti *proprio et nomine* ma jistgħu qatt jiġu addossati b'responsabilita' li kjarament trid tinġarr mit-terz jew terzi li setgħu wettqu atti li jiksru l-liġi.

Illi jekk kien hemm tali infrazzjonijiet da parti tat-terzi, dan ċertament ma kienx bl-involviment jew konoxxenza tal-esponenti li kkoperaw b'mod immedjat mal-awtoritajiet konċernati.

Għaldaqstant in vista tas-suespost, l-esponenti umilmenti jitolbu lil dan it-Tribunal jogħġbu, sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja:

1) Jirrevoka u jħassar l-Ordni Appellata in kwantu din hija indirizzata lilhom, u per konsegwenza jiddikjara tali Ordni Appellata bħala nulla u ineffettiva fil-konfront tagħhom;

2) Jirrevoka u jħassar konsegwentement kwalsiasi sanzjoni, inkluż multa jew penali amministrattiva, li l-Awtorita' imponiet u/jew iddikjarat li sejra timponi fuq l-esponenti, bħala imħassra u/jew mhux imponibbli fil-konfront tal-esponenti;

3) Jiddikjara, jekk ikun il-każ, illi l-mertu tal-Ordni Appellata huwa eżawrit fil-konfront tal-esponenti.

Av. John L. Gauci LL.D
45/11, Triq id-Dejqa
Valletta

Lista ta' Xhieda

1) L-esponenti għall-konferma tal-fatti;
2) Impjegati u rappreżentanti tal-kumpaniji fi ħdan il-grupp Bonnici Bros Group, għall-konferma tal-fatti;
3) Rappreżentanti u impjegati, preżenti u passati tal-Awtorita' appellata ukoll għall-konferma tal-fatti;
4) Ix-xhieda kollha talvolta indikati mill-Awtorita' appellata, in eżami jew kontro-eżami skont il-każ;
5) Is-sid, jew il-persuna li ppreżentati ruħha bħala s-sid, tas-sit in kwistjoni, u kif ukoll impjegati tal-istess, għall-konferma tal-fatti;
6) Rappreżentanti tal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex jixhdu dwar il-fatti, u okkorrendo sabiex jippreżentaw aerial photos tas-sit in kwistjoni;
7) Rappreżentanti tal-Pulizija Eżekuttiva sabiex jixhdu dwar il-fatti u dwar kwalsiasi rapport jew stqarrija rilaxxata in konnessjoni mal-istess fatti u/jew allegazzjonijiet;
8) Persuni oħra li għandhom konoxxenza tal-fatti relevanti u/jew tas-sit in kwistjoni;

Av. John L. Gauci LL.D
45/11, Triq id-Dejqa
Valletta

Appellanti: "Bonnici House", Sardine Street, Burmarrad, limiti ta' San Pawl il-Baħar

Awtorita' appellata: Environment and Resources Authority, Environmental Permitting Services, Hexagon House, Spencer Hill, Marsa, MRS 1441.